**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 19 ta' Frar, 2021**

**Il-PULIZIJA**

**[Spettur Eman Hayman]**

**vs**

**Nikolai Tabone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Nikolai Tabone detentur tal-karta tal-identita bin-numru 196998M akkuzat talli bejn il-31 t' Awwissu, 2017 u l-1 ta' Settembru 2017 f' dawn il-Gzejjer:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta,

jew xjentement, b' kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 t' Ottubru, 2018 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw ricettazzjoni. Fit-3 ta' April 2017 Kaya Bugeja rrapurtat[1] fl-Ghassa ta' Bormla li fil-31 ta' Marzu 2017 tilfet il-mobile taghha tal-ghamla Iphone 6 IMEI 355412073006361 bil-valur tieghu kien ta' €700[2] waqt glieda l-Isla. Minn investigazzjoni rrizulta li l-mobile gie paired man-numru 77017422 registrat fuq Alexander Tabone li kien jaghmel uzu minnu ibnu l-imputat Nikolai Tabone bejn il-31 ta' Awwissu 2017 u l-1 ta' Settembru 2017[3]. L-imputat gie mitkellem mill-Pulizija fejn sostna li kien akkwista l-mobile minn hanut. Meta l-Pulizija qablu l-IMEI tal-kaxxa tal-mobile moghtija lilhom mill-imputat l-IMEI tal-mobile ma qabilx ma' dak imnizzel fuq il-kaxxa kif ukoll l-ircevuta moghtija kienet tghajjat lil certu Elton Ray Borg[4]. Sussegwentement l-imputat stqarr li l-mobile akkwistah minghand habib tieghu u mhux minn hanut.  L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

---

[1] Rapport jinsab esebit a fol 4 sa fol 6 tal-atti processwali

[2] Xhieda ta' Kaya Bugeja fl-udjenza tas-17 ta' Lulju 2020 a fol 50 sa 53 tal-atti processwali

[3] Xhieda ta' Emily Abela, rapprezentant ta' Melita Limited, fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2020 a fol 33A u 24 tal-atti processwali

[4] Xhieda ta' PS 112 Arthur Rizzo fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2020 a fol 43 sa 45 tal-atti processwali

Ikkunsidrat:

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Alfred Brown deciza fid-29 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie kkunsidrat li:

> Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt loggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni.

F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Renald Barbara deciza fl-10 ta' Marzu 2010 gie kkunsidrat li:

> Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ricettazzjoni, kif elenkati aktar 'l fuq fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma jirrizultaliex li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Ghad li hemm diskrepanzi fil-verzjonijiet moghtija mill-imputat lill-Pulizija, ma giet esebita l-ebda stqarrija mill-imputat inoltre l-verzjonijiet tal-imputat li gew prodotti f'dan il-kaz jikkostitwixxu *hearsay evidence*, li ghalhekk ser tigi skartata. il-provi migjuba dwar ix-xjenza tal-imputat li l-mobile kien misruq tirrizulta biss minn dak li ntqal mill-imputat lil PS1122 u ghalhekk mhux l-ahjar prova. Lanqas ma gew esebiti l-kaxxa tal-mobile u l-ircevuta provduta mill-imputat lill-Pulizija. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma pruvatx sal-grad rikjest li l-imputat kien konxju li l-mobile li xtara kien effettivament misruq.

Ghal dawn il-motivi l-l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur